MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 21/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur M. Bayliss)**
**Vs**

**Boris Formosa**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) nhar is-Sibt u cioe' fis-27 ta' Mejju, 2000, fis-sieghat bikrin ta' filghodu w cioe' fis-1.30 a.m., fi Triq Reggie Miller, fil-Gzira, kkommetta serq ta' "bricks" li jintuzaw sabiex jigu maghmula l-bankini fit-toroq u liema "bricks" jiswew aktar minn ghaxar liri Maltin (LM10), izda anqas minn mitt lira Maltin (LM100) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta w kif ukoll tal-Kunsill Lokali tal-Gzira, w liema serq

huwa aggravat bil-hin, u dan kollu ai termini tal-Artikolu 270 tal-Kap 9. tal-Ligijiet ta' Malta;
2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanza, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahhal sabiex ibieghhom jew imexxihom, u dan ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 ta' Jannar, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 261(f), 270 u 281 tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu, u wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fid-9 ta' Frar, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonferma s-sentenza ta' htija, l-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 izda biz-zieda tal-konfiska tal-vettura JAH-168 favur il-Gvern ta' Malta.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, Avukat Generali, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li fil-waqt li l-Ewwel Qorti gustament sabet il-htija fuq l-ewwel akkuza billi it-tieni akkuza hija alternattiva, mal-piena kellha zzid il-konfiska tal-vettura li ntuzat fil-kommissjoni tar-reat, kif tablet il-prosekuzzjoni. Di fatti l-appellat kien inqabad *red handed* igorr il-bricks li ammetta li kien ghadu kif seraq, fil-vettura JAH-168. Din il-vettura kienet proprjeta' tal-appellat fil-mument tas-sentenza.**

**Rat li l-appellat, debitament notifikat bis-smiegh tal-appell, naqas li jidher fis-seduta tat-2 ta' Marzu, 2006;**

Rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni li bih insistiet li l-kawza ghandha tigi trattata xorta wahda fl-assenza tal-appellat a tenur tal-artikolu 422(2) tal-Kodici Kriminali;

**Semghet it-trattazzjoni tal-abbli prosekutur;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-appellat kien tressaq b' citazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, fl-10 ta' Lulju, 2000, akkuzat b' serq ta' *bricks* u ricetazzjoni bit-talba tal-prosekuzzjoni ghall-konfiska tal-vettura tal-ghamla Peugeot numru JAH 168, li fiha kienu nstabu il-bricks misruqa. Hu kien wiegeb li mhux hati w iddikjara li ma kienx qed isib oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja (Fols. 1 u 7). Fis-seduta tal-21 t' Ottubru, 2005, wara aktar minn hames snin u wara li kienu nstemghu l-provi kollha tal-Prosekuzzjoni, l-appellat kien irregistra ammissjoni. Il-Qorti sabitu hati tal-ewwel akkuza ta' serq u illiberatu b' kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn a tenur tal-art. 22 tal-Kap.446, pero' minkejja li jirrizulta ampjament li dawn il-bricks misruqa kienu qed jingarru fit-truck numru JAH- 268, ma applikatx is-sanzjoni tal-konfiska.**

**Di fatti mix-xhieda ta' PS 1603 Joseph Hersey (fol. 17 u 18 tal-process) u ta' PC 807 Felix Vella (Fol. 19) jirrizulta li l-bricks kienu fil-vettura fuq imsemmija meta waqqfu lill-appellat go Reggie Miller Street, Gzira, fis-27 ta' Mejju, 2000. Mix-xhieda tal-Ispettur Martin Bayliss irrizulta dan il-fatt kif ukoll li l-appellat kien ammetta li l-vettura in kwistjoni kienet tieghu w kien ikkonsenja il-*log book* u c-cwievet taghha taghha. (fols. 9 sa 10). Ic-cavvetta tal-vettura kienet giet esebita bhala Dok. MB2. Fl-istqarrija tieghu l-appellat kien ammetta li l-vettura kien qed juzha biex jaghmel is-serqa tal-bricks. Dal-van kien ilu ghandu xi tlitt gimghat u meta xtrah hu kien iffirma l-*log book* fuq in-naha ta' wara kif kien ghamel ukoll is-sid precedenti John Cassar. Kellhom imorru l-ufficcju tal-licenzji l-gimgha ta' wara s-serqa. Kien fadallu jhallas xi ftit flus lil John Cassar fuq il-van. Il-*log book* kien ghadu fuq John Cassar.**

Illi mix-xhieda ta’ Jose’ Abela, li xehed in rapprezentanza tal-Licencing Office fid-19 ta’Lulju, 2001 u cioe’ aktar minn sena wara s-serqa, rrizulta li l-vettura kienet tghajjat lil John Cassar u kien ilha ssejjah lilu mis-17 ta’ Novembru, 1986. (fol. 34).

Ikkonsidrat;

Issa skond l-artrikolu 23 (1) tal-Kodici Kriminali, il-konfiska tal-*corpus delicti*, ta’ l-istrumenti li servew jew li kien mahsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta’ kull ma jkun gie miksub bid-delitt, hija konsegwenza tal-piena stabilita mill-ligi ghad-delitt, ukoll jekk din il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-ligi, <u>barra minn meta persuna , li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oggetti</u>. (sottolinear tal-Qorti).

Il-Prosekuzzjoni ccitat in sostenn tal-appell taghha s-sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza **“Il-Pulizija vs. Francis Aquilina et”** [7.7.1995], fejn gie ritenut *inter alia* li l-konfiska tapplika awtomatikament anki fejn ikun inghata provvediment ta’ liberazzjoni b’ kundizzjoni taht il-Kap.152, wara l-emendi li kienu saru ghal dik il-ligi fil-1993 u li l-konfiska tal-vettura bhala istrument li serva fil-kommissjoni tad-delitt hi wahda tassattiva li ma taghti lok ghall-ebda varjazzjoni.

Din il-Qorti fil-waqt li taqbel ma dak li hemm enuncjat fis-sentenza citata, tosserva li f’ dak il-kaz ma jidhirx li gie investit il-punt fejn il-vettura uzata fil-kommissjoni tar-reat ma tkunx tal-hati imma fuqha jkun ghad hemm jeddijiet ta’ xi persuna li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, kif jirrizulta li hu l-kaz prezenti.

Ghalkemm fir-rikors tal-appell l-Avukat Generali qaghad attent li ma jghidx li l-vettura kienet proprjeta’ tal-appellat fiz-zmien tal-kommissjoni tad-derlitt u llimita ruhu biss biex jghid testwalment: “*illi fil-mument tas-sentenza l-istess vettura kienet proprjeta’ tal-appellat”*, ma saret ebda prova ta’ dan. L-ahhar prova dwar il-proprjeta’ li saret fil-process kienet proprju dik li tohrog mix-xhieda ta’ Jose’ Abela w li

tirrisali ghad-19 ta’ Lulju, 2001, fejn intqal li l-vettura kienet ghadha tghajjat lil John Cassar. Illi ma saret ebda prova li John Cassar b’ xi mod ha sehem fid-delitt ta’ serq de quo. Lanqas ma saret il-prova li Cassar bejn id-19 ta’ Lulju, 2001, meta kien qed jixhed Abela w d-data tas-sentenza appellata, kien ittrasferixxa il-van lill-appellat, ghalkemm tali prova mhux necessarjament kienet tagevola lil-Avukat Generali.

Ghalhekk mill-provi prodotti jidher li fid-data tal-kommissjoni tar-reat ta’ serq li l-appellat instab hati tieghu, l-vettura *de quo* ghalkemm kienet fil-pussess tieghu, kienet legalment ghadha tappartjeni lil John Cassar li kien ghadu ma thallasx il-prezz kollu miftiehem fuq it-trasfertiment tal-van u li konsegwentement kien ghad ghandu jedd fuq l-istess van.

Ghaldaqstant f’ dan il-kaz il-konfiska ma tkunx wahda awtomatika w konsegwenzjali ghas-sejbien ta’ htija, ghax dan hu proprju l-kaz fejn il-ligi fl-artikolu 23 (1) espressament teccettwa l-applikazzjoni konsegwenzjali w awtomatika tal-konfiska.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kienetx marbuta li tapplika l-konfiska tal-vettura kif qed jippretendi l-Avukat Generali w galadarba din kienet is-sitwazzjoni, din il-Qorti ma thossx li hemm ragunijiet ohra biex hi tiddeciedi xorta’ ohra.

Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------